MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Referenza Kostituzzjonali Numru. 35/2014

**The Republic of Malta**

**vs**

**George Moses**

Il-Qorti:

Rat illi din hija referenza kostituzzjonali li ghamlet il-Qorti Kriminali fit-30 ta' April, 2014, wara ilment tal-akkuzat George Moses li l-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), li jaghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali li jaghzel quddiem liema Qorti jinstema' l-kaz tal-akkuzat, jikser l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem u l-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni.

L-Avukat Generali wiegeb ghall-ilment, kif riferit lil din il-Qorti, b'dan il-mod:

1. Illi permezz tar-riferenza kostituzzjonali tal-Onorabbli Qorti Kriminali tat-30 t'April 2014 din l-Onorabbli Qorti qegħda tiġi mitluba biex tiddetermina is-segwenti: '***Is the application of section 22(2) of Chapter 101 to the instant case likely to result in a breach of articles 6 and 7 of the European Convention on Human Rights and / or of article 39(8) of the Constitution because the relevant legal provision fails to satisfy the forseeability requirement and to provide effective safeguards against arbitrary punishment?***';

2. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-imputat George Moses huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li ġew leżi d-drittijiet fundamentali surriferiti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

3. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, kull allegat ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa intempestiv in kwantu l-artikoli surriferiti huma limitati għall-każijiet fejn persuna

tkun diġà għaddiet proċeduri ġudizzjarji kriminali jew ġiet misjuba ħatja ta’ reat kriminali u mhux persuna li l-proċeduri fil-konfront tagħha għadhom pendenti;

4. Illi fit-tieni lok u dejjem mingħajr preġudizzju, hija l-umli fehma tal-esponent li l-mertu tar-referenza kostituzzjonali in risposta huwa f’kull każ illum eżawrit in kwantu fil-mori ta’ din ir-referenza kostituzzjonali, ġew fis-seħħ emendi reċenti fil-liġijiet tad-droga, li inter alia, emendaw l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.  Permezz tal-Att XXIV tal-2014 li daħal fis-seħħ fl-14 ta’ Awissu 2014, ġew stabbiliti l-kriterji li a bażi tagħhom l-Avukat Ġenerali jidetermina jekk każ għandux jinstema quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala waħda ta’ Ġudikatura Kriminali jew quddiem il-Qorti Kriminali.  Fir-rigward ta’ dawk il-każijiet li jkunu diġa appuntati għas-smiegħ quddiem il-Qorti Kriminali, a tenur tal-imsemmi artikolu 22 tal-Kap 101 kif emendat l-akkużat għandu l-fakolta li jitlob li l-ordni tal-Avukat Ġenerali għal dak il-fini jiġi rivedut fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tal-imsemmija emenda.  Effettivament, propju a tenur tal-imsemmija emendi, l-imputat odjern George Moses ikkontesta l-ordni tal-esponent fis-sens li l-każ tiegħu għandu jinstema u jiġi deċiż mill-Qorti Kriminali u talab lill-Onorabbli Qorti Kriminali sabiex milflok tirrefer l-każ tiegħu lill-Qorti tal-Maġistrati (**Dok AG1**).  Madankollu, wara li l-Onorabbli Qorti Kriminali semgħat il-partijiet u kkunsidrat iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fosthom l-ammont ta’ droga involut u l-involviment tal-akkużat fid-dawl tal-linji gwida li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att XXIV tal-2014, ċaħdet it-talba (**Dok AG2** – **Dok AG6**);

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jiċħad kull allegazzjoni ta’ ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta mqajma mir-rikorrent;

6. Illi hija l-għola liġi tal-pajjiż, senjatament l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li trid illi fl-eżerċizzju tas-setgħat tal-esponent biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali u ta' kull setgħat oħra mogħtija lill-esponent b'xi liġi f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra;

7. Illi fil-kuntest tal-proċeduri odjerni d-diskrezzjoni tal-esponent dwar l-għażla tal-forum li quddiemu r-rikorrent ġie akkużat sabiex jiġi ġudikat skond il-liġi ġiet eżerċitata propju f'dawn il-parametri in kwantu b'mod kuxjenzjuż wasal għad-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' kriterji li huma faċilment rintraċċabbli u identifikabbli fil-ġurisprudenza nostrali senjatament il-kwantità ta' droga, it-tip ta' droga, il-livell ta' parteċipazzjoni tal-akkużat fir-reat, l-istqarrija tiegħu, il-fedina penali, kif ukoll aggravanti u ċirkostanzi oħra partikolari għall-każ;

8. Illi fid-deċiżjoni tiegħu dwar liema Qorti għandha tisma' l-każ, l-esponent jista' jiġi skrutinjat fil-qrati, kif effettivament seħħ fil-każ odjern;

9. Illi kull każ għandu l-fattispeċi partikolari tiegħu u l-ordni mogħtija mill-esponent sabiex ir-rikorrent odjern jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali ngħatat b'mod kuxjenzjuż skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tiegħu, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti Kriminali;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-diskrezzjoni tal-esponent hija waħda direzzjonali u mhux kostituttiva tal-azzjoni penali;

11. Illi dwar id-deċizjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Camilleri John v Malta*** (App. nru 42931/10) deċiża fit-22 ta' Jannar 2013 l-esponent jirrileva

li hemm distinzjonijiet netti bejn il-każ odjern u dak ta' John Camilleri fosthom li: (1) meta John Camilleri intavola l-applikazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea huwa kien **diġa ġie ssentenzjat** mill-Qorti Kriminali għal ħmistax-il sena priġunerija, piena li taqa biss fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali. Madankollu l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom fil-fażi preliminari u, mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-imsemmija proċeduri penali, f'dan l-istadju tibqa il-possibilità li, jekk ir-rikorrent odjern jinstab ħati, jingħata piena anqas minn għaxar snin liema piena tista' ugwalment tingħata mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u (2) meta Camilleri ġie ssentenzjat kien għadu ma daħalx fis-seħħ l-Att XXIV tal-2014;

12. Illi inoltré, fl-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet ***Camilleri John v Malta*** il-leżjoni fir-rigward tal-Artikolu 7 nstabet biss fil-kuntest ta' dak li l-Qorti Ewropea ddefiniet bhala "*lack of forseeability*" tal-imsemmija dispożizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ. Fil-każ odjern l-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrent George Moses kellu l-possibilità kollha li jantiċipa u jipprevedi liema Qorti kienet ser tkun qed tisma' u tiddeċiedi l-każ tiegħu mhux biss mill-mument meta tressaq quddiem il-Qrati imma saħansitra minn ferm qabel;

13. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u bir-rispett dovut, l-esponent jabbraċċja l-***partly dissenting opinion*** **tal-Onor. Imħallef Riferenti Quintano** li hija parti mill-imsemmija deċiżjoni ta' ***Camilleri v. Malta*** li fl-umli fehma tal-esponent tirrifletti l-interpretazzjoni korretta kemm tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-ġurisprudenza u liġijiet liġijiet viġenti ta' dak iż-żmien;

14. Illi għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost, fl-umli fehma tal-esponent li fiċ-ċirkostanzi odjerni għandu jirriżulta

ampjament ċar li ma hemm l-ebda leżjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent a tenur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem jew a tenur tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u kull allegazzjoni f'dan is-sens hija infondata u nsostenibbli;

15. Illi l-esponent jirrespingi ukoll kull allegazzjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropaa bħala nfondat fil-fatt u fid-dritt u jeċċepixxi s-segwenti mingħajr preġudizzju għal xulxin:

16. Illi fil-fehma umli tal-esponent l-Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. In fatti, l-imputat ġie mressaq quddiem qorti stabbilita bil-liġi. L-Artikolu tal-Konvenzjoni in deżamina jirregola l-mod kif jitmexxa l-proċess quddiem il-Qorti u mhux kif persuna tinġieb quddiem il-Qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, min ikun mixli b'akkuża kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu;

17. Illi l-funzjoni ta' l-Avukat Ġenerali illi toħroġ mill-Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta mhix sinonima mal-funzjoni ta' ġudikant. Il-fatt illi dan l-Artikolu jagħti diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali fejn jista' jagħżel quddiem liema qorti jkun ser jisma' l-każ ma jfissirx illi b'xi mod l-Avukat Ġenerali jikkonverti ruħu f'Imħallef jew Maġistrat;

18. Illi bl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lilu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx qiegħed b'xi mod jagħti xi deċiżjoni fuq

il-mertu tal-akkużi. Li jsir huwa li jiġi stradat il-każ billi tiġi eżaminata' l-gravita' tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jiċċirkondaw il-kommissjoni tar-reat. L-istess jingħad fuq il-piena u cioe' li l-Avukat Ġenerali ma jiddeċidiex il-piena li għandha tiġi inflitta f'każ li persuna tinsab ħatja. Għal massimu, hija l-Liġi stess li tippreskrivi l-minimu u l-massimu tal-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija. L-Avukat Ġenerali, bħala Prosekutur, l-aktar li jista' jagħmel huwa li jiddetermina l-forum kompetenti li fih imbagħad tinstema l-kawża. Biss l-Avukat Ġenerali ma għandux setgħa la fuq jekk persuna tinstabx ħatja jew le, u l-anqas għandu setgħa jiddetermina l-piena erogabbli fil-każ li dak il-forum isib lill-akkużat ħati tal-akkużi kontestati lilu;

19. Illi dan jingħad peress li l-Avukat Ġenerali ma għandu l-ebda poter jew kontroll fuq jekk akkuzat jinstabx ħati jew le u dana stante illi tali deċiżjoni tittieħed mill-organu kompetenti illi hija l-Qorti. Bil-poter mogħti bil-liġi, l-Avukat Ġenerali mhux qed jagħmel ebda *pre judgment* jew ġudizzju fuq ħtija tal-persuna li mexxa kontra tagħha ;

20. Illi l-prinċipji kollha suesposti diġa' ġew stabbiliti f'katina ta' ġurisprudenza nostrali.[1] Dwar id-deċiżjonijiet tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċitati fid-digriet tar-referenza fl-ismijiet ***Lebrun Joseph vs Avukat Ġenerali*** u ***Dimech Martin vs Avukat Ġenerali*** tal-21 ta' Frar 2014, jiġi rilevat li dawn id-deċiżjonijiet ġew it-tnejn li huma revokati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Settembru 2014, liema Qorti ddikjarat minflok li fiċ-ċirkostanzi ta' dawn iż-żewġ kawżi l-applikazzjoni tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 ma wassal għall-ebda vjolazzjoni tal-artikoli 7 jew 6 tal-Konvenżjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

21. Illi di piú u mingħajr preġudizzju, a tenur tal-imsemmi artikolu 22 tal-Kap 101 kif emendat l-akkużat kellu l-

[1] Ara fost oħrajn ***Claudio Porsenna vs Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2012 u ***Godfrey Ellul vs Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2006

fakolta li jitlob li l-ordni tal-Avukat Ġenerali jiġi rivedut u effettivament hekk għamel (**Dok AG1** – **Dok AG6**);

22. Illi għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost m'għandu jirriżulta li hemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti Kriminali permezz tad-digriet tagħha tat-30 ta' April 2014 billi ssib li fiċ-ċirkostanzi odjerni l-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 101 ma tirreka l-ebda ksur tal-artikolu 6 jew 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-anqas tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

Wara li ezaminat l-process kriminali, u l-atti ta' din il-kawza, il-Qorti tara li ghandha taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Illi l-meritu ta' din ir-referenza gew mistharrga u decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Settembru, 2014 fil-kazijiet "Lebrun vs Avukat Generali" u "Dimech vs Avukat Generali". Fiz-zewg kawzi, l-ilment marbut mad-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali gie michud u din il-Qorti tara li, filwaqt li tistqarr li taqbel mas-sentenzi, ma tista' zzid xejn ma dak li qalet dik il-Qorti u li wassalha tichad l-argumenti tal-akkuzati f'kull kaz.

Fil-kaz ta’ Lebrun, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk fil-kuntest tal-aggravji in kwistjoni:

*“L-ewwel u t-tieni aggravji*

*10. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija intempestiva peress li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprospetta l-kaz fejn persuna tkun fil-fatt instabet hatja ta’ reat li ma jkunx kontemplat fil-ligi jew ikun gie espost ghal piena li tkun aktar harxa minn dik li tkun applikabbli skont il-kaz, u mhux meta, bhal fil-kaz prezenti, l-proceduri kriminali jkunu ghadhom pendenti. In sostenn ta’ dan huwa jiccita kazistika kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll lokali. Jghid li l-kaz* ***John Camilleri v. Malta*** *li fuqu strahet l-ewwel Qorti huwa differenti minn dak odjern stante li f’dak il-kaz il-proceduri kriminali kienu digà definittivament konkluzi bis-sejbien ta’ htija kontra tieghu, u ghalhekk l-ezami tieghu mill-Qorti Ewropea kien jaqa’ fil-paramenti tal-imsemmi Artikolu 7.*

*Konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti*

*11. L-Artikolu 7 de quo fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:*

*"[1] Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali[2] minhabba f' xi att jew ommissjoni li ma jkunux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar."*

*12. Minn din id-dispozizzjoni ghandu jirrizulta car li sabiex tikkonfigura l-lezjoni hemm kontemplata jehtieg li jkun hemm* <u>*sejbien ta' htija*</u> *ta' reat kriminali. Dan huwa pre-rekwizit essenzjali ghall-ezami tal-punt jekk giex vjolat id-dritt fundamentali hemm protett. Din il-konsiderazzjoni tirrizulta cara mid-dispozizzjoni de quo u tinsab sostnuta mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Hekk fil-kaz* ***Mirchev and Others v. Bulgaria***[3] *dik il-Qorti osservat:*

*"The Court considers that the applicants cannot claim to have been "victims" within the meaning of article 34 of Convention under Article 7.1 of the Convention by the mere opening of criminal proceedings against them. The proceedings remained at the stage of the preliminary investigation and never resulted in actual convictions and punishment."*

*13. Fil-kaz* ***Avukat Jose` Herrera nomine v. Avukat Generali***[4]*, din il-Qorti, diversament komposta, esprimiet li hi tal-istess fehma u cioè li ghall-applikabbilità tal-Artikolu 7.1 jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija. Hija iccitat bran mill-ktieb Law of the European Convention on Human Rights*[5] *li jghid:*

[2] Sottolinear tal-Qorti.
[3] 71605/01, deciza 27 ta' Novembru 2008.
[4] App.C 1/2010, deciz 13 ta' April 2011.
[5] 2 Edizzjoni, pg. 232.

*"The wording of Article 7.1 is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence [X v Netherlands, Appl.7512/76]. A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7"*

*14. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tistax taqbel mal-linja li hadet l-ewwel Qorti meta kkonsidrat l-ilment tar-rikorrent fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjoni raggjunta mill-Qorti Ewropea fil-kaz John Camilleri, ghax f'dak il-kaz ix-xenarju tal-fatti kien differenti fis-sens li l-kaz kontra l-applikant kien diga` defenittivament maghluq bis-sejbien ta' htija tieghu filwaqt li fil-kaz odjern il-proceduri ghadhom pendenti u ghalhekk l-Artikolu 7 huwa f'dan l-istadju inapplikabbli.*

*15. Inoltre, il-fatt li l-Qorti Ewropea ikkonsidrat li l-Artikolu 22(2) de quo jilledi l-Artikolu 7 ma jimmilitax fil-kaz odjern kontra l-konsiderazzjonijiet premessi, u ma jistax legalment ifisser li f'kull kaz li jigi applikat dak l-artikolu hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7, ghax lezjoni ta' dan l-artikolu tista' ssehh biss fil-konfront ta' persuna li nstabet hatja ta' reat kriminali, filwaqt li meta l-proceduri kriminali jkunu ghadhom pendenti tibqa' l-possibbilità li l-akkuzat ma jinstabx hati, jew li l-proceduri kriminali ma jitkomplewx, u ghalhekk zgur ma jkunx applikabbli l-Artikolu 7.*

*16. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti taqbel mal-ilment tal-Avukat Generali li t-talba tar-rikorrent f'dan ir-rigward hija intempestiva stante li ma jissussistux il-presupposti fattwali li jaghtu lok ghall-applikazzjoni tieghu.*

*17. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jitqies bhala fondat.*

*<u>It-tielet aggravju</u>*

*18. Dan jirrigwarda l-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni allegata mir-rikorrent li saret fil-konfront tieghu permezz tad-diskrezzjoni ezercitata mill-intimat in forza tal-Artikolu 22(2) fuq citat.*

*19. L-ewwel Qorti sabet lezjoni ta' dan l-artikolu fuq il-konsiderazzjoni li l-piena minima ghar-reat li bih ir-rikorrent jinsab akkuzat giet stabbilita mill-intimat, li fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali huwa l-avversarju tieghu, u li ghalhekk irrestringiet id-diskrezzjoni tal-qorti gudikanti fir-rigward.*

*20. F'dan l-aggravju l-intimat jissottometti li l-Artikolu 22(2) ma jilledix id-dritt ghal smigh xieraq. L-artikolu jirregola l-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-Qorti u mhux kif persuna tingieb quddiem il-Qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati min ikun mixli b'akkuza kriminali ghandu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu, u d-diskrezzjoni akkordata lill-intimat bl-Artikolu 22(2) ma timmilitax kontra dawn il-garanziji.*

*21. Bl-ezercizju tad-diskrezzjoni tieghu, l-intimat ma jkunx qed jaghti xi decizjoni fuq il-mertu tal-akkuzi imma jkun biss qed*

*jistrada l-kaz skont il-gravità tieghu billi jiddeciedi l-forum li fih ser jinstema' l-kaz. Fl-ebda hin ma l-intimat jiddeciedi dwar l-akkuza jew dwar il-piena li ghandha tigi inflitta. Dawn jigu decizi mill-qorti gudikanti, u mhux mill-intimat. Bil-poter moghti lilu bil-ligi, l-intimat ma hu qed jaghmel ebda pre-judgment jew gudizzju fuq il-htija tal-persuna li mexxa kontra taghha.*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

*23. Din il-Qorti tosserva li kif ritenut fil-gurisprudenza patria "is-smigh xieraq jiddependi mill-iter processwali adoperat fil-kuntest ta' persuna akkuzata b'reat, u ma tirreferix ghad-dritt sostantiv li tahtu jigi akkuzat. Id-dritt ta' smigh xieraq li ghandu kull akkuzat mhux pregudikat bil-provvediment tal-Artikolu 22(2), u, darba nharget akkuza, il-process gudizzjarju hu protett bil-ligi li jiggarantixxi smigh xieraq ghall-akkuzat." (**Godfrey Ellul v. Avukat Generali**[6]). Il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kaz osservat hekk:*

*"Dan [l-Artikolu 6] jirregola l-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif jingieb quddiem il-Qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, min ikun mixli b'akkuza kriminali jkollu l-garanzija kollha li jrid dan l-artikolu....imkien f'dan l-artikolu ma tinghata garanzija illi l-prosekutur m'ghandux ikollu diskrezzjoni bhal dik moghtija lill-Avukat Generali fl-Artikolu 22(2) tal-Kap.101."*[7]

[6] Deciz fil-5 ta' Lulju 2005, u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.
[7] Deciz, 27 ta' April 2006.

*23. Ukoll fil-kawza **Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri**[8] il-Qorti tal-Appell Kriminali [Superjuri] osservat hekk:*

*".......Din il-Qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skond l-artikolu 22(2) imsemmi tista' tincidi fuq l-indipendenza taghha. Tasal kif tasal kawza quddiem din il-Qorti – bid-decizjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet jew minhabba dispozizzjoni espressa tal-ligi li torbot lill-partijiet fil-kawza – l-indipendenza ta' din il-Qorti hi marbuta mal-mod kif inhi, skond il-ligi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali indipendenza."*[9]

*24. Inoltre, kif osservat il-Qorti fil-kawza **Claudio Porsenna v. Avukat Generali**[10] it-terminu "decizjoni" fl-Artikolu 6 jirreferi ghall-process li jsir quddiem qorti indipendenti u imparzjali meta persuna tkun tressqet quddiemha mixlija b'reati, u mhux ghad-decizjoni li l-awtorità kompetenti tkun hadet biex tressqu quddiem dik il-Qorti.*

*25. Fil-kaz odjern mhux qed jigi allegat li r-rikorrent ma kienx qed jinghata smigh xieraq minhabba xi haga li sehhet matul l-iter tal-proceduri kriminali wara li kien gie mixli quddiem il-qrati kriminali, imma qed jilmenta mill-fatt li hu "ghadu fl-ghama jekk fl-gheluq tal-kumpilazzjoni l-Avukat Generali hux ser jordna li l-kaz tieghu jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew minn guri fil-Qorti Kriminali". Din il-Qorti tosserva li dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent, stante li d-diskrezzjoni tal-intimat hija finalment marbuta mal-provi li jingabru matul l-istuttorja, u huwa fil-konkluzjoni tal-gbir ta' dawn il-provi li l-intimat ikun fl-ahjar*

[8] Qorti Kriminali – App Nru. 3/1998 , deciz 23 ta' Jannar 2001.
[9] Sottolinear ta' dik il-Qorti.
[10] Prim'Awla, sede kostituzzjonali, deciza 16 ta' Marzu 2012.

*pozizzjoni li finalment jiddeciedi f'liema forum ghandu jigi trattat u deciz il-kaz kontra r-rikorrent.*

*26. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat."*

Mill-premess jirrizulta car, li l-ilmenti ta' George Moses ma jistghux jigu milqugha, peress li ma tezisti ebda vjolazzjoni la tal-artikolu 7 u lanqas tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan anke ghaliex f'dan il-kaz ghad ma hawnx sejbien ta' htija fil-konfront ta' George Moses u l-kaz tieghu ghadu pendenti.

Inoltre, f'dan il-kaz, l-akkuzat kellu opportunità jikkontesta l-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Avukat Generali u l-Qorti Kriminali qablet li l-kaz jimmerita li jkun mismugh mill-istess Qorti Kriminali. Darba, allura, li l-ezercizzju ta' diskrezzjoni gie debitament sindakat minn Qorti, isegwi li nghata rimedju opportun u effettiv – ghalkemm ir-rizultat ma kienx wiehed kif mixtieq – u zgur, f'kull kaz, ma jistax jinghata rimedju iehor.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, twiegeb fin-negattiv ghall-kwezit tal-Qorti Kriminali kif maghmula bir-referenza kostituzzjonali taghha tat-30 ta' April, 2014, bl-ispejjez ta' l-proceduri quddiem din il-Qorti jkunu a kariku ta' George Moses.

Kopja ta' din id-dikjarazzjoni ghandha tinghata lill-Qorti Kriminali biex tigi inserita fl-atti tal-Att tal-Akkuza relattiv bin-numru 31/2013.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------